**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 30 ta` Marzu 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Mario Bonello)**

**Vs**

**SAMIR MERGHNI**

Kump Nru1024/2006

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Samir Merghni,** li ghandu karta tal-identita numru 022096(M)**,** gie akkuzat talli:

1. Fl-1 ta' Settembru 2006 ghall-habta tan-12:30pm, fil-Marsa volontarjament hassart jew ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt Lira Maltin (Lm500) izda izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50). Liema hsara saret ghad-dannu ta' G. Aquilina;

2. U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni IRS225 b'manjiera perikoluza u traskurata;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-23 t' Ottubru 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat li fl-udjenza tal-lum l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kif dedotti wara li l-akkuza giet moqrija ghall-ewwel darba fis-seduta tal-lum stess. L-imputat insista fuq l-ammissjoni tieghu anke wara li inghata z-zmien sabiex jirrikonsidra;

Qieset li dan il-kaz (li gie prezentat fil-Qorti fid-29 ta' Settembru 2006) gie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta b'assenjazzjoni ufficjali li sehhet f' Awwissu 2013 u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrat (Malta) gie elevat ghal Imhallef.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew il-PIRS report esebit in atti, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi kif gia gie ritenut kemm il-darba mill-Qrati ta` Gustizzja Kriminali, l-ammissjoni bikrija ma taghtix xi dritt awtomatiku ghal riduzzjoni fil-piena. Madanakollu, f'dan il-kaz, il-Qorti qed tikkunsidra din l-ammissjoni bhala fattur mitiganti.

In tema ta` piena jew sanzjoni din il-Qorti qed tikkonsidra l-fatt ukoll illi fil-mori ta` din il-kawza l-imputat hallas ghad-danni ikkawzati.

Il-Qorti rat ukoll fil-kuntest tal-ahjar sanzjoni indikata, il-fedina penali nettissima tal-imputat li tinsab *a folio* 2 tal-atti. Qieset ukoll it-talba ghall-klemenza kif maghmula

mill-imputat fl-udjenza tal-lum stess u dan minhabba principalment li huwa ghandu marda terminali u bhal issa ghaddej b'kura intensiva.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar il-fuq esposti, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta **qed issib lil Samir Merghni hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Samir Merghni bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` sentejn mil-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Il-Qorti fissret lil Samir Merghni fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur